**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 18 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 16**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 419/2025 JVC**

**Carmel Damato sive D'Amato [I.D. 507754(M)] u martu Mary Damato sive D'Amato [I.D. 207059(M)]**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Carmel Damato sive D'Amato et talbu kif isegwi:

1) 'Illi r-rikorrenti minn dejjem kien mgħallem li kunjom il-familja tiegħu jinkiteb "D'Amato" jiġifieri bl-apostrofu bejn l-ittra D u

Amato u bl-A ta' wara l-apastrofu u qabel l-ittra M fil-forma kapitali;

2) Illi in fatti l-karta tal-identità tar-rikorent Carmel D'Amato bin-numru ħamsa żero sebgħa sebgħa ħamsa erbgħa ittra M (507745(M)) maħruġa fis-sebgħa u għoxrin ta' April tal-elefejn ħmistax (27-04-2015) u li għadha valida sas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), il-kunjom jidher bħala "D'Amato" bl-apostrofu kif jihder minn **'Dok A'** hawn anness tant illi fil-fatt anke l-vot tiegħu inħareġ b'dan il-mod kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bħala **'Dok B'**;

3) Illi fil-karta tal-identità tal-mara tiegħu ukoll hanwhekk rikorrenti Mary D'Amato bin-numru tnejn zero sebgħa zera ħamsa disgħa ittra M(207059(M)), maħruġa fis-sebgħa u għoxrin t'April tas-sena elfejn u ħmistax (27-04-2015) u li għadha valida sas-sebgħa u għoxrin t'April tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin.- Il-kunjom jidher bħala "D'AMATO" bl-apostrofu- '**Dok C';**

4) Illi iżda meta martu marret sabiex tbiddel il-karta tal-identità u tagħmel waħda ġdida minħabba li għalqet sittin(60) sena m'aċċettawx li tikteb il-kunjom kif kitbitu fil-formula u kif kien jidher fil-karta tal-identità sa dak iż-żmien u ċioe' "D'Amato" iżda riedu jagħtuha waħda b'kunjomha miktub mingħajr apostrofu u kif ukoll saħansitra qalulhom li tinkiteb b' 'a' żgħira u mhux b'ittra A kapitali;

5) Illi meta saqsewhom għala dan stante illi huma dejjem kitbuh bħala "D'Amato", qalulhom illi dan kien dovut lit-tibdil fis-sistema elettronika u b'hekk bdew il-problemi u ma setgħetx tagħmilha bl-apostrofu;

6) Illi jidher li bi żvista fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti Carmel DAmato magħruf bħala D'Amato li twieled fis-sebgħa ta' Ġunju tal-elf disgħa mija u erbgħa u ħamsin (07/06/1954) liema ċertifika hu maħruġ mid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru ħamsa żero sebgħa sebgħa (5077) tas-sena elf disgħa mija erbgħa u ħamsin(1954) hawn mehmuż u immarkat bħala **'Dok D'** il-kunjom ta' missieru fil-kolonna 'Isem u kunjon u post tat-twelid' kien tniżżel bħala DAMATO meta suppost ried jitniżżel bħala D'AMATO jiġifieri bl-apostrofu bejn l-ittra D u AMATO;

7) Illi li ġara hu stante illi missier r-rikorrenti ma kienx jaf jikteb inzerta li min mela' l-formula għalih kiteb il-kunjom ħażin u ċioe' mingħajr apostrofu tant illi kif jidher aktar 'il quddiem kunjom ħut ir-rikorrenti u anke taż-żwiġijiet safejn għandhom ċertfikati huma fil-fatt tniżżel bl-apostrofu kif jidher aktar 'il quddiem;

8) Illi sussegwentament anke ċ-ċertifikat taż-żwieġ taż-żewġ rikorrenti li seħħ fit-tletin t'Awwissu tal-elf disgħa mija u sitta u tmenini (30.08.1986) u li għandu n-numru tal-iskrizzjoni elf ħamsa mija u tnejn u tletin tal-elf disgħa mija sitta u tmenin (1522/1986) ħareġ b'mod inkorrett u mhux kif mgħallmin jiktbu l-kunjom. Ċioe bħala "DAMATO" u mhux kif jiktbuh il-familja bħala "D'AMATO" liema ċertifikat qed jiġi hawn anness u mmarkat '**Dok E**';

9) Illi għalhekk irriżultat anomilja bejn il-kunjom tiegħu u dak użat minn familjari tiegħu skont kif ser jidher hawn taħt;

10) Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' oħt ir-rikorrent- Angela D'AMATO-maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru tnejn żero tmienja sitta(2086) tas-sena elf disgħa mija ħamsa u sittin(1965)- vera kopja tal-estratt mehmuż u mmarkat bħala '**Dok**

**F'** il-kunjom ta' missierhom u ta' ommhom fil-kolonna 'isem u kunjom u post tat-twelid' kif tniżżel tajjeb bħala "D'AMATO";

11) Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' oħt oħra tar-rikkorent- Maria Dolores D'AMATO- maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru sitta tnejn tlieta sitta (6236) tas-sena elf disgħa mija disgħa u ħamsin (1959)- vera kopja tal-estratt mehmuż u mmarkat bħala '**Dok G**' il-kunjom ta' missierhom u ta' ommhom fil-kolonna 'Isem u kunjom u post tat-twelid' kien tniżżel tajjeb bħala "D'Amato";

12) Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ t'oħt oħra tar-Rikorrent u ċioe ta' Rita xebba d'Amato u miżżewġa lil Raimondo Abela maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kunjomha xebba ukoll tniżżel bħala "D'Amato" fejn hemm imniżżel "il-mara" skont vera kopja tal-estratt taċ-ċertifikat bin-numru tmienja wieħed ħamsa tas-sena elf disgħa mija sebgħa u tmenin(815/1987) hawn anness u mmarkat bħala ' **Dok H**';

13) Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ t'oħt ir-rikorrenti, Maria Dolores D'Amato miżżewġa lil Reuben Ohayon, maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kunjomha xebba ukoll tniżżel bħala "D'Amato" fejn hemm imniżżel "il-mara" skont vera kopja tal-estratt taċ-ċertifikat bin-numru tmienja disgħa tlieta tas-sena elf disgħa mija u tlieta u tmenin(893/1983) hawn anness u mmarkat bħala '**Dok I**';

14) Illi fil-karta tal-identità ta' missieru Joseph D'AMATO maħruġa fl-erbatax ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija ħamsa u disgħin (14.11.1995) bin-numru mija erbgħa tmienja żero wieħed sebgħa u l-Ittra M (148017M) kopja mehmuża u mmarkata ' **Dok J'.** Il-kunjom ta' missieru tniżżel tajjeb bħala D'AMATO;.

15) Illi fil-Passaport ta' missieru Joseph D'AMATO maħruġ mill-Uffiċċju tal-passaporti bin-numru wieħed tlieta sebgħa tlieta tnejn erbgħa (137324) maħruġ mill-uffiċju tal-passaporti ta' Malta kopja mehmuża u markata bħala '**Dok K'** kunjom missieru nkiteb kif suppost bħala "D'AMATO";

16) Illi fil-Karta tal-identità ta' oħtu Maria Rosaria D'AMATO maħruġa fil-ħamsa ta' Mejju tal-elfejn u ħmistax(05.05.2015) u li għadha valida sal-ħamsa ta' Mejju tal-elfejn ħamsa u għoxrin (05.05.2025) bin-numru tmienja tlieta sitta erbgħa ħamsa zero u Ittra M (836450(M)) kopja mehmuża markata bħala ' **Dok L**' il-kunjom ta' oħtu tniżżel tajjeb bħala D'AMATO;

17) Illi Fil-Karta ta' identità ta' ħuħ Francis D'AMATO maħruġa fit-tnejn u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (22.05.2018) bin-numru wieħed sebgħa ħamsa tnejn ħamsa tmienja u ittra M(175258M) għalkemm riċenti xorta waħda l-kunjom tniżżel bħala "D'AMATO" u ċioe bl-apostrofu kif suppost- ara '**Dok M**';

18) Illi r-rikorrenti Carmel D'Amato dejjem uża l-kunjom 'D'Amato' skont kif jidher mid-dokumenti annessi anke dawk uffiċjali tant illi:
**(a)** Fil-liċenzja tas-sewqan tar-rikorrenti maħruġa minn Transport Malta l-kunjom tniżżel bl-apostrofu skont **'Dok N';**
(b) Fid-dokument-tag sabiex isuq vetturi kbar- maħruġ mill-Awtorità dwar it-Trasport bin-numru disgħa sebgħa żerġ disgha erbgħa ħamsa (970945)- **'Dok O'**;
(c)Fil-karta anzjan tar-rikorrent maħruġa mid-dipartiment għall anzjani bin-numru sitta sebgħa zero zero tlieta sitta tlieta tlieta (67003633) -'**Dok P**';
(d) Illi fil-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid miżmum fil-parroċċa ta' Santa Katerina ż-Żurrieq tar-rikorrenti huwa wkoll tniżżel bħala Carmel D'Amato b'apostrofu;

(e) Illi anke l-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' missieru miżmum fl-istess parroċċa hawn fuq indikat l-kunjom tal-familja ukoll tniżżel bħala D'Amato;

(f) Illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mill-parroċċa ta' San Ġużepp tal-Imsida fit-tletin t'Awwissu tal-elf disgħa mija sitta u tmenin (30.08.1986) ukoll jindika kunjom ir-rikorrenti bħala "D'AMATO" bl-apostrofu;

(g) Illi f'dokumenti maħruġa mill-Forza Armati ta' Malta F'Ġunju tal-elf disgħa mija sitta u sebgħin (1976) kunjom ir-rikorrenti tniżżel ukoll bħala "D'Amato"- **Dok R;**

(h) Illi skont riċevuta ta' stima għas-sena Elfejn Tlieta u għoxrin maħruġa mid-dipartimenti tat-taxxi inteni kunjomu wkoll tniżżel bħala "D'Amato" **-DOK S'**

19) Illi kif jidher anke mid-dokumenti annessi kemm il-firma tiegħu u kif ukoll ta' missieru hija D'Amato bl-apostrofu;

20) Illi r-rikorrenti huma konsistentament magħrufa li jiktbu l-kunjom D'Amato bl-apostrofu u A fil-forma Kapitali tant illi lanqas qatt ma kienu jafu li fiċ-ċertifikati maħruġa mir-reġistru pubbliku kunjomom jinkiteb mingħajr apostrofu stante illi l-familja kollha tikteb dan il-kunjom bħala "D'Amato" bl-apostrofu u A fil-forma Kapitali minn dejjem u fil-każ ta' ħutu anke ċ-ċertifikati uffiċjali maħruġa mid-direttur tar-Reġistru Pubbliku juru l-kunjom tagħhom bħala "D'AMATO" bl-apostrofu;

21) Illi minħabba li d-Direttur tar-Reġistru pubbliku qiegħed jirrifjuta li joħroġ ċertifikati ħlief biss bil-kunjom kif miktub oriġinarjament, tali ċertifikat u dokumenti uffiċjali ser ikunu qedgħin jinħarġu bil-kunjom ta' Damato minflok D'Amato;

22) Illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qiegħed jirrifjuta illi jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa;

23) Illi dan huwa ta' preġudizzju għall-istess rikorrent u martu tant li qiegħed jikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikkorenti;

24)	Illi dwar dan issir referenza għal senstneza fuq każ simili ħafna li ngħatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onorabbli Imħellef Lorraine Schembri Orland Fid-9 ta' Ġunju tal-2016 fl-ismijiet "Ivan Damato sive Ivan D'Amato 477275M proprio u flimkien ma' binthom minuri Emilie Eve Damato vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2016 ġie kamata in kawża Natalie D'Amato (71680M)"

25)	Illi l-qrati tagħna ikkonsidraw talbiet għat-tibdil fil-kunjom f'diversi okkażżjonijet oħra fosthom fil-każ fl-ismijiet "Julia Manduca et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"(App.Civ Dec. Fis-27 ta' Mejju 2016) fejn intqal: "Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża hija jekk dan il-fatt jistax jiġi korreġġut abbażi tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili...Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fi-kawża fl-ismijiet Robert Dowlin Attard vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat il-bdil ta' kunjom minn "Dowling Attard" għal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem magħruf b'tali kunjom. Il- "bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijijet". Illi minn dawn is-sentenza u oħrajn jirriżulta wkoll li l-Artikolu 253 ta' Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi koreġut u għalhekk tħali lok għal interpretazzjoni.

26)	Illi in vista ta' dak kollu suespost kellha ssir din il-kawża.

27)	Illi l-esponenti jixtiequ li ssir reġistrazzjoni tal-kunjom illi l-istess esponent, kif ukoll il-familja tiegħu jużaw, ossia "D'Amato" (bl-apostrofu wara l-ittra D u qabel A Kapitali) peress illi dan huwa l-kunjom uffiċjali tal-familja u peress li dan huwa l-kunjom li l-esponenti jużaw f'kull dokument ieħor formali kif ukoll informali'

28) Illi għalhekk l-esponent umilment jissottometti li għandu interess skont il-liġi u li stante żball ċar, hemm lok li jkun hemm korrezzjoni u umilment jipprevalixxi ruħu mill-provvediment ai termini ta' Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili [ Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta];

29) L-esponenti huma ammessi għall-benefiċċju legali permezz ta' digriet datat għaxra (10) ta' Mejju elefejn u dsatax (2019) skont kif jidher mid-dokument anness u qed jiġu assistiti mis-sottoskritti;

30) Illi r-rikorrenti jiddikjara wkoll li għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid huwa ndikat bl-isem ta' Carmelo huwa minn dejjem kien magħruf bl-isem ta' Carmel u għalhekk jixtieq li dan il-fatt jiġi wkoll rikonoxxut fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi jogħġobha:

1) Tiddikjara li r-rikorrenti dejjem kienu maghrufa bil-kunjom D'Amato u mhux Damato.

2) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fuq l-att tat-Twelid tar-rikorrent Carmelo bin numru 5077/1954, kunjomu jigi mibdul minn Damato ghal D'Amato.

3) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fuq l-Att taz-zwieg bin numru 1532/1986 kunjom ir-rikorrent 'Carmelo' u l-kunjom li adottat wara z-zwieg ir-rikorrenti martu jigi mibdul minn Damato ghal D'Amato.

4) Tiddikjara li r-rikorrent minn dejjem kien magħruf bl-isem ta' Carmel u mhux Carmelo u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fuq l-att t-twelid tar-rikorrent isir it-tibdil neċessarju sabiex jiġi rikonoxxut illi r-rikorrent huwa magħruf bl-isem ta' Carmel.

U dan salv ukoll provvedement ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur;

**Fatti:**

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

4. Illi mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi, skont l-Att tat-Twelid bin-numru **5077/1954,** jidher illi l-attur twieled ġewwa Malta nhar is-sebgħa (7) ta' Ġunju 1954, lil **'Joseph Damato'** u **'Carmela *wife of the said* Joseph Damato'**, fiż-żwieġ u dana skont id-dikjarazzjoni ta' missier l-attur fil-mument tar-reġistrazzjoni. In vista tal-liġi *in vigore* f'dak iż-żmien, l-attur awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid u ċioe' l-kunjom '**Damato**'. Għaldaqstant, ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat, u kwalunkwe Att ta' Stat Ċivili ieħor tal-attur;

5. Illi bħala konsegwenza ta' din ir-reġistrazzjoni l-attur '**Carmel Damato'** ġie ndikat bil-kunjom '**Damato'** wkoll fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru **1532/1986** u għaldaqstant, martu 'Mary Damato', li hija parti minn din il-kawża wkoll, adottat l-istess kunjom maż-żwieġ**;**

6. Illi madanakollu l-atturi qegħdin jisħqu illi matul ħajjithom huma dejjem kienu magħrufa bil-kunjom '**D'Amato'** u mhux '**Damato'** u għal dan il-għan jidher li ppreżentaw diversi dokumenti u atti sabiex isostnu t-talbiet tagħhom;

**<u>Eċċezzjonijiet – Il-Pożizzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku:</u>**

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed **jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha** magħmula mill-atturi, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li, għal kuntrarju ta' dak li hu mniżżel fl-Att tat-Twelid ta' '**Carmel Damato'**, u kwalunkwe Att ta' Stat Ċivili ieħor li jappartjeni lilu, li l-verżjoni korretta tal-kunjom hija **'D'Amato'** u mhux **'Damato'.** Jingħad ukoll illi kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talbiet tal-atturi, fir-rigward tat-tibdil fil-kunjom ta' '**Mary Damato'**, dan għandu jkun limitat biss għall-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv **1532/1986** , salv;

8. Illi fir-rigward **tat-tieni u t-tielet talba,** l-esponent jirrimarka li sakemm it-talbiet tal-atturi mhux ser jiġu estiżi sabiex jinkwadraw it-tibdil fl-isem tal-attur ukoll, dawn għandhom jiġu korretti tant illi għal kuntrarju ta' dak imniżżel fit-talbiet, isem l-attur huwa **'Carmel'** u mhux **'Carmelo'**;

9. Illi l-esponent Direttur jirrimarka li huwa għandu s-setgħa legali sabiex iwettaq biss korrezzjonijiet fuq Atti ta' Stat Ċivili

li huma fil-poter tiegħu u mhux fuq kwalunkwe dokument ieħor;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-atturi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li qiegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 42 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat illi fil-verbal tallum stess il-Qorti awtorizzat żieda u korrezzjoni fir-rikors ġuramentat b'dan li ġiet sorvolata u konsegwentement irtirata t-tmien eċċezzjoni tad-Direttur intimat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat illi turi li saħansitra r-rikorrenti kellhom karti tal-identita' maħruġa mill-Istat Malti bil-kunjom "D'Amato". Rat ukoll illi missier ir-rikorrenti kellu karta tal-identita' maħruġa mill-Istat bil-kunjom "D'Amato" esebita a fol 29 tal-proċess.

Semgħat ix-xhieda tar-rikorrent Carmel sive Carmelo Damato sive D'Amato llum stess fejn huwa kkonferma illi sa minn eta żgħira huwa ġie mħllem jgħid ismu ġie magħllem li ismu huwa dak ta' Carmel u xehed ukoll illi għal dak li huwa kunjomu sa minn meta kien żgħir dejjem ġie mgħallem illi dan għandu jinkiteb D'Amato.

Illi minn dak kollu suespost u mix-xhieda fl-atti l-Qorti tqies illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi sabiex biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad il-bqija tar-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkonsistenti ma' dak suespost;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta;

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti kif dedotta;

5. Tilqa' r-raba' talba kif miżjuda kif dedotta;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**18 ta' Ġunju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**18 ta' Ġunju 2025**